MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2007

Numru 840/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Micallef Grimaud)**

**vs.**

**Alfred Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Alfred Bugeja ta’ 47 sena, bin Costantino u Helen nee` Vidal, imwieled il-Pieta` fit-3 ta’ Dicembru 1957 u joqghod Entratura A, Flat 4, Triq il-Ghajn, Valletta u detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 828557(M) gie akkuzat:

Talli fid-19 ta’ Settembru 2005 ghal habta tal-10.00am fil-kuridur tal-Qrati ta’ Malta, fil-Belt Valletta, ghamel

rezistenza bi vjolenza ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fosthom is-Supretendent Neil Harrison, membri tal-Korp tal-Pulizija u membri tad-Dipartiment tal-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin, waqt li dawn l-istess persuni kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi, jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi, Kap 9 Art 96(a);

Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, ingurja, jew hedded lis-Supretendent Neil Harrison, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz, Kap 9 Art 95;

U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh tas-Supretendent Neil Harrison iweggghu bi kliem, Kap 9 Art 252(1);

U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, hedded lis-Supretendent Neil Harrison bi kliem, Kap 9 Art 339(1)(e);

U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, stieden lis-Supretendent Neil Harrison ghall-glied, Kap 9 Art 339(1)(a);

U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b’ghajjat u bil-glied, Kap 9 Art 338(dd);

U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ l-awtorita` jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkilhom waqt li dawn li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu jew b’xi mod iehor bla jedd jindahal fi dmiru billi ma jhallix lill-haddiehor jaghmel dak li b’ligi ikun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi igib fix-xejn jew ihassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b’xi mod iehor li jkun, Kap 9 Art 338 (ee);

U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi qal kliem fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel atti jew

gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor li mhux provdut fil-Kodici Kriminali, offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika, Kap 9 Art 338(bb);

U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi dagha fil-pubbliku, Kap 9 Art 342.

Il-Qorti giet mitluba sabiex titratta ma' l-imputat bhala li huwa recediv b'diversi sentenzi definittivi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala "Dok AG" u nnutat li l-imputat Alfred Bugeja m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tal-lum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat inghatat bhala akkuza alternattiva ghat-tieni akkuza u ghaldaqstant talab lill-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija l-ewwel akkuza.

Innutat ukoll li fis-Seduta tal-lum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-ewwel akkuza.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-ewwel akkuza.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 95, 252(1), 339(1)(e), 339(1)(a), 338(dd), 338(ee), 338(bb), 342, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Alfred Bugeja, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-ewwel akkuza u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghall-piena komplessiva ta' mitt lira Maltin (Lm100) multa.

Rigward l-ewwel akkuza fid-dawl tal-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tal-lum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat inghatat bhala akkuza alternattiva ghat-tieni akkuza u ghaldaqstant talab lill-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija l-ewwel akkuza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-imsemmija l-ewwel akkuza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------